**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 432/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Fredrick Mifsud**

Illum 26 ta' Settembru 2022

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil Fredrick Mifsud iben Sinforiano, u Anna nee' Caruana, mwieled nhar il-25 ta' Novembru 1983 u residenti gewwa l-fond Block II, Bieb B, Flat 3, triq Ramija, Siggiewi u dentenur tal-karta tal-identita 0004284M

U nakkuzah talli nhar it-28 ta' Awissu 2020 bejn is-saghtejn ta' wara nofsinhar u t-tlieta ta' wara nofsinhar (14:00-15:00Hrs) fi Triq il-Lanca, Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anna Karsbjer, u dan skond ma iccertifika Dr. Anthony Buttigieg M.D. (Reg. No. 1903) minn gewwa l-lsptar Saint James, Sliema u dan bi ksur tal-Artikoli 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 11 ta' Gunju 2020 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Donatella Frendo Dimech LL.D. li permezz tieghu huwa nghata 1-helsien mill-arrest;

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka '*contrario imperio* ' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Frederick Mifsud, kif ukoll tordna li s-somma ta' elfejn u tlett mitt euro (€2,300) bhala depositu u garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Frederick Mifsud bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta ' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Anna Karsbjer bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta et sequitur.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' Anna Karsbjer billi taghmel Ordni ta' Trazzin fil-konfront ta' l-imputat ai terminu talArtikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza ta' l-4 ta' Settembru 2020 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar is-7 ta' Lulju 2021 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstabu hatja u cioe[2]:

a. Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv), 216(1)(b)(d), 216(2), 218(1)(a), 218(1)(b), 218(2), 222A(2)(3)(7) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikolu 579(1)(2)(3) u (4) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 412D u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta tas-27 ta' Lulju 2022, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

[1] Folio 8 ta' l-atti processwali
[2] Folio 216 ta' l-atti processwali

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-20 ta' Frar 2019.[3]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar it-18 ta' Jannar 2022.[4]

Rat illi l-partijiet fl-udjenza tas-27 ta' Lulju 2022 regghu ddikjara l-provi rispettivi maghluqa.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif kienet diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2022 li regghu gew ikkonfermati waqt l-udjenza tas-27 ta' Lulju 2022.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal-nhar it-28 ta' Jannar 2020 meta l-imputat kien allegatament attakka u aggredixxa lil certu Anna Karsbjer u ikkagunalha griehi gravi.

## Ikkunsidrat

**Kunsiderazzjonijiet legali**

---

[3] Folio 89 ta' l-atti processwali

[4] Folio 125 ta' l-atti processwali

Illi l-Avukat Generali fir-rinvija għall-ġuddizzju jindika l-artikoli 214, 215, 216, 218, 222A u sub-artikoli oħra li jinsabu fihom bħala dawk l-artikoli li bihom l-imputat għandu jinstab ħati.

Il-Qorti tagħmel referenza għal-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** fejn l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi għall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament ġuridiku tagħna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant talfatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fiddawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[5]

Di piu fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[6] intqal:

*"… ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti."*

Il-Qorti tagħmel referenza għal kaz **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana**[7] fejn id-distinzjoni bejn l-artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali giet spjegata:

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fittermini ta' l-Artikolu*

[5] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004
[6] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996
[7] Deciza 5 ta' Frar 1998

*216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) talKodici Kriminali."*

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**[8],

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre lgravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser taghmel referenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2020 xehed **l-Ispettur Darryl Borg**[9], stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta li spjega li nhar it-28 t'Awwissu 2020 ghall-habta tat-15:00hrs huwa gie nfurmat minn WPS 250 Amanda Parascandalo Bunce li

[8] Deciz fit-2 ta' Settembru 1999
[9] Folio 21-23 ta' l-atti processwali

kienet sehhet aggressjoni fuq persuna femminili fuq il-blat biswit Triq il-Lanca, il-Belt Valletta. Il-Pulizija rrikorrew fuq il-post u identifikaw lill-vittma, certu Anna Karsbjer ta' nazzjonalita` Svediza, li kellha griehi vizibbli fuq wiccha u partijiet ohrajn ta' gisimha. Dawn il-griehi gew eventwalment iccertifikati li huma ta' natura gravi. Tfittxija ghall-aggressur fl-inhawi dak il-hin irrizultat fin-negattiv. Madankollu, permezz ta' CCTV kameras li hemm fiz-zona, l-aggressur gie identifikat bhala Frederick Mifsud, li imbaghad gie arrestat u ammetta ma' l-Ispettur li kien fil-fatt aggredixxa lill-vittma Anna Karsbjer.

L-Ispettur Borg esebixxa r-rapport ta' l-incident bir-referenza NPS 1/A/2498/2020 fejn fiha hemm rapportat li certu persuna bl-isem Daniel Dimech irraporta li fil-Fossa tal-Belt hemm tfajla barranija li giet aggredita minn persuna maskili u sahansitra kellha xi demm ma wiccha wkoll. Meta attendew il-pulizija sabu l-vittma bid-demm ma wicc kif ukoll b'xi daqqiet ma partijiet ohra ta' gisimha fosthom f'sieqha u f'idejha.

Fuq il-post kien hemm ukoll prezenti certu Jeremy Agius fejn hu stqarr mal-pulizija fuq il-post li li waqt li kien ghaddejj minn Triq il-Lanca sema lil xi had jghajjat u jibki, u wara nnuta lil din it-tfajla li bdiet tibki u kellha d-demma u spjegatilhom li kienet ghadha kif giet aggredita minn ragel fejn dan telaq jigri minn fuq il-post.[10]

Irrizulta li kemm Dimech u Agius stqarrew li huma raw persuna maskili jigri fid-direzzjoni ta' Capo Crudo u ma lehqux raw wiccu minhabba li lemhuh ezatt fid-dawra qabel taqbad Capo Crudo.

Fl-istess jum giet mitkellma l-vittma Anna Karsbjer fejn stqarret

*"I was alone near the beach and a man came standing next to me. I asked him to move away because of Covid-19 and he stated that he went there to fish with a net but then*

[10] Folio 10 ta' l-atti processwali

*he moved further away from there. All of a sudden while I was talking to my dad on my mobile, I felt someone falling on me and at that time I thought it was an accident but then the same man started banging my head on the floor multiple times and then he started punching me heavily. Then I thought that he wanted to rape me or something. I started shouting for help but that time no one was around and then he left walking really fast towards Capo Crudo."*[11]

Il-vittma ddeskrivit il-persuna li attakka bhala x'aktarx ta' nazzjonalita Libjana, twil u rqiq, kellu wiccu misluta bic-cheeks bones kbar u snienu ta' quddiem naqra kbar u kien liebes flokk irrigate tal-marka Reebok u shorts.

Fl-istess seduta xehdet **WPC 412 Mariah Bongailas**[12], stazzjonata fl-Ghassa tal-Belt Valletta. Spjegat li hija kienet hadet telefonata mill-*control room* fejn certu persuna jismu Daniel irrapporta li mara barranija kienet giet aggredita minn persuna maskili vicin il-foss tal-Belt Valletta. Ix-xhud irrikorriet fuq il-post flimkien ma ufficjali ohrajn u hemmhekk kien hemm il-vittma li kellha xi dmija ma viccha u daqqiet ma saqajha u idejha. Hija ddeskriviet l-aggressur bhala ragel, twil, irqiq, ismar u b;wiccu mislut. Il-persuna "Daniel" kien ukoll fuq il-post u stqarr li l-aggressur gera lejn ir-ristorant Capo Crudo. Mit-tfittxija li saret fuq il-post dak il-hin, l-aggressur baqa' ma nstabx.

Fl-istess seduta xehed **PC 1063 Josef Mizzi**[13], stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta. Ix-xhud irrisponda ghar-rapport dwar l-incident de quo u mar fuq il-post flimkien ma WPS 250 u WPC 421. Jiftakar li l-vittma kellha wiccha mimli dmija u kienet imbezza' u agitata. Ix-xhud ghamel tfittxija ghall-aggressur fl-inhawi izda din rrizultat fin-negattiv. Kien probabbli li l-aggressur kien qed jigri hafi ghax instab karkur hdejn il-vittma. Minn naha tieghu, ix-xhud

[11] Folio 10-11 ta' l-atti processwali
[12] Folio 26-29 ta' l-atti processwali
[13] Folio 31-35 ta' l-atti processwali

imbaghad saq lill-vittma lejn ic-centru tas-sahha. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma li l-pulizija waslet fuq il-post wara li kien sehh l-allegat attakk u stqarr li kien sema lill-vittma tghid li l-aggressur kien prova jistupraha u meta rrifjutatu, sar vjolenti u aggrediha.  Ix-xhud spjega li l-vittma informathom li ma kienitx tafu.

*"Beda javvicinaha u bdiet tghid hija waqt li kienet fuq il-blat qed tixxemmex ghall-kwiet u gie dan il-persuna u avvicinaha u kien ghaddej b'xi kopp max-xifer tal-plajja li hemm il-Belt hemmhekk gewwa Triq il-Lanca u resaq hdejha, ghaddew xi kummenti u ma tafx x'kumment kien qalet u qabad jaggrediha."*[14]

Ix-xhud kompla jispjega:

*"Qabad jaggrediha, qabadha minn xagharha u beda jsabbtilha rasha mal-belt qalet. Imbaghad ghamlilha xi griehi f'imnehierha u kissirilha mnehiera mal-blat u kellha xi griehi f'idejha u f'saqajha wkoll.  Ippruvat tilhqu imma dak il-hin gew zewgt irgiel u malli ra lil dawk iz-zewgt irgiel, telaq jigri lejn Capo Crudo.  Hemm restaurant jismu Capo Crudo u telaq direzzjoni fejn hemm tas-sajjieda."*

Fl-istess seduta xehdet **il-vittma Anna Karsbjer**[15], li xehdet bil-lingwa Ingliza. Spjegat li fil-jum tat-28 t'Awwissu 2020 bejn is-14:00hrs u t-15:00hrs hija kienet qed tixxemmex hdejn il-foss tal-Belt Valletta waqt li kienet qed titkellem ma missierha fuq it-telefon. F'daqqa u l-hin, indunat li kien hemm persuna u hasset kuntatt ma sieqha. Indunat li kien hemm ragel u kienet pronta tghidlu sabiex izomm id-distanza tenut kont tal-marda tal-Covid-19. Dan wegibha li kien qed jistad u telaq minn hdejha. Madwar tletin (30) sekonda wara, l-istess persuna qabez fuqha minn fuq il-blat u qabad jaghtiha f'wicca, jigbdilha xagharha u jhabbtilha rasha mal-blat filwaqt li bhal qisu pogga fuqha. Il-

[14] Folio 31 ta' l-atti processwali
[15] Folio 36-47

vittma hasbet li l-aggressur kien sejjer jipprova jistupraha. L-attakk dam madwar erbghin (40) sekonda b'kollox u f'daqqa wahda, l-aggressur waqaf u telaq 'l hemm hesrem. Waqt li kien qed issehh dan kollu, missierha kien ghadu fuq il-mobajl taghha jisma l-attakk. Ix-xhud iddeskriviet l-attakk:

*"…and then he started punching me in the face and he started grabbin my hair and smash it to the rocks and my nose started bleeding inside of my mouth and everywhere and I tried to get away and I screamed for help and my father was still on the phone and he panciked, he didn't know what to do because he didn't know where I was. And I tried to get him off me but I couldn't because he was holding my hands. And I didn't know if he was going to rape me or if he was going to kill me. It was so brutal."*[16]

Il-vittma imbaghad griet lejn il-parkegg pubbliku sabiex titlob l-ghajnuna. Waqt l-attakk, ma kienx hemm xi skambju partikolari ta' kliem bejn l-aggressur u l-vittma. Stqarret li kienet marret l-isptar St James Capua ghall-kura fejn kien raha it-Tabib Dr Anthony Buttigieg u ttiehdu ukoll xi x-rays biex jigi determinat jekk kienx hemmx ksur u rrizulta li kellha ksur f'imnehirha. In kontro-ezami stqarret li ghalkemm l-aggressur kellu apparat tas-sajd f'idu kien ovvju li ma kienx qed jistad minhabba li kienu qieghdin hafna oghla mill-bahar. Kwalifikat li meta sehh l-attakk, ma kienx hemm persuni ohrajn fil-vicinanza.

Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2020 xehed **il-Psikjatra Dr Joseph Spiteri**[17] li kkonferma li l-imputat Fredrick Mifsud huwa ragel ta' seba u tletin sena u ghandu problema ta' personalita` kif ukoll problem ta' *post-traumatic stress disorder* (PTSD) relatat mat-telf ta' tarbija xi disa snin qabel u jabbuza ukoll mill-alkohol. Minkejja dan, skont ix-xhud ma ghandu xejn anqas minn

[16] Folio 37 ta' l-atti processwali
[17] Folio 59-62 ta' l-atti processwali

haddiehor fejn jidhlu l-kapicitajiet ta' *intendere e volere* kemm fil-mument ta' meta sehh l-incident sal-gurnata ta' l-ezami tieghu. Ix-xhud esebixxa rapport[18] li biha jinforma li l-imputat ghandu dizabilita fizikali li timpeddih milli jitkellem b'mod normali izda dan ma jfissirx li ma jifhimx jew li ma ghandux fakulta intelletwali li jifhem.

In konkluzzjoni r-rapport jghid:

*"…is-Sur Fredrick Mifsud huwa of sound mind. Huwa jaghraf it-tajjeb mill-hazin u kapaci jifhmu sew. Huwa kapaci biex jixhed (fit to stand trial u fit to plead), kapaci jaghti struzzjonijiet lill-avukat tieghu u kapaci jifhem x'inhu jigri.*

*Ma jidhirx li hemm xi dizordni fl-intendere u volere.*

*Wiehed irid isemmi l-fatturi li naqsu il-kapacita' tal-kontrolli, dawn jinkludu il-post traumatic stress disorder, il-konsum eccessiv tal-alkolhol u fatturi psiko-socjali ohra."*[19]

Fl-istess seduta xehdet **Dr. Katya Vassallo**[20] fejn esebit traduzzjoni mill-Ingliz ghall-Malti tax-xhieda ta' Anna Karsbjer.[21]

Fl-istess seduta xehed **it-Tabib Dr Anthony Buttigieg**[22] li kkonferma li huwa kien invista lill-vittma Anna Karsbjer fl-ghodwa tad-29 t'Awwissu 2020 fejn din allegat li kienet giet imsawwta minn ragel lejliet u kienet ittiehdet fic-centru tas-sahha tal-Furjana ghall-ewwel jura. Ix-xhud spjega li waqt il-vista, ix-xhud kienet vizibbilment agitata u mbezza'. Mill-investigazzjonijiet medici li saru, irrizulta li kellha ksur fl-imnieher. Il-griehi gew klassifikati bhala gravi.

[18] Dok JS1, Folio 63-68 ta' l-atti processwali
[19] Folio 67 ta' l-atti processwali
[20] Folio 69-70 ta' l-atti processwali
[21] Dok KV1, Folio 71-79 ta' l-atti processwali
[22] Folio 80-84 ta' l-atti processwali

Il-prosekuzzjoni esebit certifikat mediku mahrug mit-tabib Dr. Anthony Buttigieg MD Med Reg No. 1903[23] li sussegwentement gie kkonfermat mix-xhieda tat-tabib stess. F'dan ic-certifikat mediku jirrizulta li l-vittma giet ezaminat gewwa l-Isptar Saint James, f'Tas-Sliema nhar id-29 ta' Awwissu 2020 fid-9.30am fejn stabbilit li kellha ksur f'imnehira u li l-griehi li ghandha huma ta' natura gravi.

*"Apart from multiple abrasions and contusions patient sustained trauma to the nose.*

*X-rays taken today show an undisplaced fracture of the nose.*

*Nature of injuries: grievous"*

Fl-istess seduta xehed **PC 355 Charlo Chircop[24]**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta. Spjega li nhar l-1 ta' Settembru 2020 flimkien PC 626 kien involut fl-elevar u analizi ta' filmati CCTV fejn fihom deher persuna maskili bhal qisu qed jahrab hafi lejn id-direzzjoni ta' kamra li tintuza mill Valletta Fishing Club. Mill-filmati, il-wicc tal-persuna relattiva kien jidher car u permezz ta' informazzjoni li kisbet il-pulizija, l-aggressur gie identifikat bhala Frederick Mifsud.

Fl-istess seduta xehed **PC 626 Jean Carlo Benetti[25]**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta, li stqarr li huwa assista flimkien max-xhud precedenti PC 355 Charlo Chircop fl-identifikazzjoni tal-imputat Frederick Mifsud bhala l-aggressur permezz ta' filmati CCTV li kisbet il-pulizija, senjatament mir-ristorant Capo Crudo.  L-istess xhud ikkonferma wkoll ir-rapport li sar mil-pulizija.

---

[23] Dok DB5, Folio 16 ta' l-atti processwali
[24] Folio 85-88 ta' l-atti processwali
[25] Folio 89-93 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2020 xehed **it-Tabib Dr Leonard Callus[26],** adett fic-centru tas-sahha tal-Furjana li kkonferma li kien invista lill-vittma Anna Karsbjer nhar it-28 ta' Awwissu 2020 gewwa c-centru tas-Sahha l-Furjana u esebixxa kopja tac-certifikat mediku mahrug minnu[27]. Filwaqt li kkonferma l-korrettezza tac-certifikat minnu rilaxxjat, stqarr li minn dak li kien ikkostata hu dak il-hin, kien iccertifika l-griehi bhala *slight save complications*.

Fl-istess seduta xehdet **WPS 250 Amanda Parascandalo Bunce[28]**, stazzjonat fl-Ghassa tal-Belt Valletta. Ix-xhud irrispondiet ghar-rapport dwar l-incident de quo u marret fuq il-post flimkien ma PC 1063 u WPC 421. Hemmhekk tkellmet ma certu Daniel Dimech, li kien il-persuna li cempel ghall-assistenza kif ukoll certu Jeremy Agius li kien hemm ukoll. Tiftakar li l-vittma kellha wiccha mimli dmija u kienet imbezza' u agitata. Kien hemm indikazzjoni li l-aggressur kien halla karkur, nuccali tax-xemx u *visor* fuq il-post. Ix-xhud ikkonfermat li hadet xi ritratti tak-akkadut permezz tal-*mobile phone* taghha li pprezentat lill-Qorti[29]. Spjegta li x'aktarx l-aggressur harab minn fuq il-post hafi ghax kien halla l-karkur hdejn il-vittma. Ix-xhud spjegat li hija kienet irreferiet lill-vittma ghall-assistenza tal-Victim Support Unit izda din kienet irrifjutat. Finalment ix-xhud ipprezentat hwejjeg tal-vittma[30] kif ukoll kopja tar-rapport tal-pulizija.[31]

Il-prosekuzzjoni esebit tlett CD's[32] li ttiehdu minn tlett stabbiliment – Kiosk fi Triq il-Lanca, negozju ta' l-ikel Capo Crudo u Marsamxetto Fishing Club. Illi fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2020, gie mahtur espert skond l-artikolu 650(5) tal-Kodici Kriminali sabiex jezamina dawn it-tlett CD's. Fl-udjenza tal-10 ta'

[26] Folio 117-120 ta' l-atti processwali
[27] Dok LC1, Folio 121 ta' l-atti processwali
[28] Folio 122-126 ta' l-atti processwali
[29] Dok APB, Folio 127 ta' l-atti processwali
[30] Dok AP1
[31] Dok AP3, Folio 128-131 ta' l-atti processwali
[32] Dok DB8, folio 25 ta' l-atti processwali

Dicembru 2020 xehed **Dr Steven Farrugia Sacco**[33], espert mahtur mill-Qorti sabiex janalizza l-filmati CCTV in atti u jeleva l-fotogrammi tal-partijiet relevanti. Huwa halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu.[34] Illi minn l-istills esebiti jidher dehra car ta' persuna twil u irqiq liebes flokk, shorts u beritta li ghandu d-dehra ta' l-imputat.[35]

Fl-istess seduta xehed **Jeremy Agius**[36], li kien niezel biex jigbor il-karozza mill-parkegg tal-foss ghall-habta tas-14:30hrs wara li kien spicca mix-xoghol. Huwa sema hafna ghajjat u f'daqqa wahda dehret persuna qed tigri lilhinn mill-post, li dehret minn wara. Ghalhekk, ix-xhud ma setax jara l-wicc ta' dan il-persuna. Il-vittma kienet tidher li kellha bzonn l-ghajnuna u mar jghinna flimkien ma kollega tax-xoghol u spjegatilhom li

*"….qaltilna li habbtilha rasha mal-blat u kellha fil-fatt hafna demm minn imnihirha niezel…"*[37]

Fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021 xehed **Daniel Dimech**[38]. Ix-xhud ikkonferma li l-incidenza mertu ta' dawn il-proceduri sehhet fit-28 t'Awwissu 2020 ghall-habta tas-14:00hrs waqt li huwa kien hdejn il-bahar, biswit ir-ristorant Capo Crudo. Fil-hin sema xi ghajjat u ra ragel jghaggel il-boghod hafi u mara bid-demm ma wiccha li bdiet tghajjat ghall-ajjut bl-Ingliz. Meta mar hdejha, il-vittma dehret agitata hafna u bdiet tghid li kienet giet aggredita minn ragel li qaltlu biex jersaq 'il boghod in prevenzjoni tal-Covid-19. Ix-xhud iccara li ma kienx ra wicc l-aggressur izda rah biss minn wara – fejn deher li kien kemmxejn samrani u in kontro-ezami, stqarr li ma kienx ra l-attakk isehh quddiemu.

---

[33] Folio 141-142 ta' l-atti processwali
[34] Dok SFS1, Folio
[35] Folio 157-158, 169, 172-175 ta' l-atti processwali
[36] Folio 137-140 ta' l-atti processwali
[37] Folio 138-139 ta' l-atti processwali
[38] Folio 193-198 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**L-Istqarrija ta' l-imputat**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[39] ta' l-imputat ittiehdet nhar it-3 ta' Settembru 2020 u cioe ftit jiem wara l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, il-Belt, Valletta fl-ufficju ta' l-Ispettur Daryl Borg fil-prezenza ta' PC 1163 Warren Saliba u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ikkonsulta ma' l-avukat Dr. Marion Camilleri u minn jeddu ghazel li din ma tkunx prezenti waqt li tigi irrilaxxata l-istqarrija.

Illi fl-istqarrija l-imputat ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu u wiegeb ghad-domandi li sarulu. Illi mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li l-imputat kien prezenti fil-post in kwistjoni fil-jum u l-hin ta' l-incident.

L-imputat jikkonferma fl-istqarrija li l-vittma qatt ma kien jaf jew iltaqa maghha f'hajtu.  Meta kien mistoqsi ghalfejn aggrediha stqarr:

*"Jiena kont qieghed fejn il-bahar u mort fejn din il-mara u kont ftit il-boghod minnau hin minnhom daret lejja u qaltli biex nersaq iktar il-boghod u qamet ghalija u girfitni ghonqi u dak il-hin iddefendejt ruhi."*[40]

Ikompli jghid:

*"Jien tajt daqqa bil-harta wahda go wicca u tlaqt minn fuq il-post ghax bzajt."*

[39] Dok DB2, Folios 12-13 ta' l-atti processwali
[40] Folio 13 ta' l-atti processwali

L-imputat insista li daqqa wahda biss ta' lil-vittma u li dakinhar kien liebes beritta, flokk tac-cingi tad-ditta 'Nike' u shorts.

Meta gie mistoqsi sabiex jikkonferma jekk persuna jidher jigri fi filmat li ttiehdet fl-inhawi, ikkonferma li hu kien il-persuna fil-filmat.

L-imputat ikkonferma wkoll li l-hwejjeg li jidher libes bihom fil-filmat huma l-istess li ingabru mir-residenza tieghu. Minkejja li l-imputat stqarr li sofra griehi mill-vittma u ma ghamilx certifikat mediku sabiex jigu konstatati u ma marx f'ghassa jirraporta ghaliex beza li jehel ta' kollox.

Finalment l-imputat stqarr li iddispjacih hafna ta' ghemilu u xtaq jiskuza ruhu.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi esebiti jirrizulta li ma hemmx dubju li l-imputat kien prezenti fuq il-post ta' l-incident, fid-data u l-hin ta' meta giet aggredita l-vittma. Illi dan huwa kollu kemm hu ikkonfermat kemm mill-istqarrija ta' l-imputat kif ukoll l-istills mehuda mic-CCTV's dak in-nhar u li l-persuna li jidher huma l-imputat, kif fil-fatt ikkonferma l-imputat stess.

Illi l-imputat lanqas jinnega li kellu xi tip ta' alterkazzjoni mal-vittma. L-imputat ma jineggax li taha daqqa mal-blat u jiggustifika ruhu billi jghid li kienet hi l-ghamlet ghalih.

Min-naha taghha l-vittma taghti verzjoni differenti minn dik tal-imputat. Mix-xhieda taghha irrizulta li dan l-attakk sar ghal ebda raguni ta' xejn. Mix-xhieda li giet imressqa jirrizulta li l-prosekuzzjoni tistrieh principalment fuq ix-xhieda ta' Anna Karsbjer li spjegat u identifikat lill-imputat bhala l-persuna li kien attakkaha.

Illi d-dottrina legali stabbilita li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti."*[41] u li bhala principju fundamentali tal-process gudizzjarju f'materja penali ghandu jilhaq il-grad tad-dubju dettat mir-raguni *"u jekk jezisit dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat."*[42]. Madankollu dan ma ghandux ifisser jew jigi interpretat li kull dubju huwa bizejjed sabiex iggib il-liberatorja jew li jinheles kull responsabilita legali stante li d-dubju hija rrid ikunwiehd wiehed <u>ragonevoli</u>.

Filwaqt li l-prosekuzzjoni tistrieh principalment fuq ix-xhieda ta' Anna Karsbjer, il-Qorti taghmel referenza ghal-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

*(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biextagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Dan ifisser li jekk ix-xhieda ta' xhud wiehed jigi emmnut dan jista jigi kkunsidrat bhala prova sufficjenti hekk kif inhu retinut fil-kaz **Pulizija vs Joseph Thorne**[43]

*"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni talpersuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond ilkriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

Dan il-punt gie wkoll spjegat fil-kaz **Il-Pulizija vs Matthew Borg**[44]

*"Illi fid-dawl tas-suespost u cioe' x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w*

---

41 Pulizija vs Paolo Farrugia; Appell Kriminali Inferjuri; 1 ta' Awissu 1959

42 Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena; Criminal Appeal Superior Court; 5.12.2012; and Repubblika ta' Malta vs George Spiteri, Criminal Appeal Superior Court; 5.7.2002.

43 Court of Criminal Appeal (Inferior); 9th July 2003

44 Court of Criminal Appeal (Inferior); 10th November 2014

*individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata talprovi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz **Il-Pulizija vs Kieran Vella**[45]

*" Issa meta l-Qorti tasal biex taghzel bejn verzjoni u ohra, naturalment jittiehdu in konsiderazzjoni id-diversi parametri fosthom il-komportament tax-xhieda biex wiehed jara kemm dak li qed jghidu ghandu missewwa jew le."*

Ghalhekk meta l-Qorti tezamina l-atti kollha quddiemha, din il-Qorti trid tiddetermina jekk ghandiex provi bizejjed sal-grad rikjest fil-ligi u skond il-gurisprudenza sabiex tasal ghad-decizjoni finali. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jintqal minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[46] fejn jinghad:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Illi appart ix-xhieda principali ta' Anna Karsbjer, dak li ntqal minnha gie issostanzjat minn xhieda pajzana li nsertaw li kienu prezenti wara li sar l-attakk u ufficjali tal-pulizija li attendew fuq il-post u li l-magghom ix-xhud Karsbjer baqghet konsistenti f'dak li qalet.

[45] Court of Criminal Appeal (Inferior); 6th October 2016
[46] 1974 – 2 ALL ER 372

Il-Qorti kellha l-opportunita li tisma x-xhud hi stess *vica voce* u flimkien ma dak li qalet tezamina wkoll il-komportament taghha. Kien jidher b'mod car li l-vittma kienet trawmatizzata b'dak kollu li gralha u liema trawma kienet ghadha maghha sa meta xehdet. Il-vittma kienet ukoll konsistenzi u soda f'dak li xehdet u l-Qorti hija moralment konvinta minn dak li xehdet il-vittma li dan kien attakk kapricjuz, tat-twerwir u bla bazi fuq persuna li kienet ghaddejja ghal affari taghha titkellma ma missierha waqt li kienet qeda tistrieh fuq il-blat.

Il-Qorti tara wkoll li x-xhieda tal-vittma hija ben kkorroborata mis-CCTV *footages* li gew esebiti u li din il-Qorti setghet tezamina, ir-ritratti li ttiehdu u l-hwejjeg li gew ezebiti kif ukoll ic-certifikati medici li kienu konsisteni max-xhieda tal-vittma ta fejn qalghet id-daqqiet.

Il-Qorti finalment tosserva illi mill-artikoli ta' l-Avukat Generali jitlob sabiex il-Qorti tikkunsidra li ssib htija kemm taht l-artikolu 216 kif ukoll taht l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Illi fl-artikoli ta' l-Avukat Generali ma hemmx indikazzjoni specifika ta' liema subartikolu fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali qieghed jindika li biha ghandu jistab hati l-imputat. Illi dan ipoggi lil Qorti f'forma ta' *fishing expedition* biex tiddeduci hi x'inhu l-hsieb tal-prosekuzzjoni u ta' liema kwalifika ta' reat gravi ghandu jinsab hati l-imputat. Illi dan iservi biss biex johloq incertezza fuq il-kaz tal-prosekuzzjoni u jpoggi fid-dubju l-intenzjoni tal-prosekuzzjoni.

Filwaqt li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ggibx ebda nullita ta' procedura, il-Qorti tqis li huwa fid-dmir ta' l-Avukat Generali li f'dawn ic-cirkostanzi jippreciza l-imputazzjonijiet meta jinhargu l-artikolu ghal-gudizzju. Naturalment, ikun imbaghad dmir il-prosekuzzjoni li tipprova l-imputazzjoni preciza li jindika l-Avukat Generali fl-artikoli ghall-gudizzju.

Mill-provi jirrizulta li l-gravita' tal-griehi jikkonsistu fl-ghadma miksura tal-imnieher. Dan gie provat mix-xhieda medika li ngiebet fil-kawza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Clint Calleja'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru 2004 inghad li: '*Issa jigi ccarat mill-ewwel li l-artikolu 216(1)(d) ma jghidx li biex ikun hemm offiza gravi per durata, tali offiza trid tkun damet "aktar minn xahar" biex tfieq (kif jghid l-appellant fil- hames paragrafu hawn fuq citat). Kliem il-ligi huwa carissimu u jsemmi perijodu ta' "tletin gurnata jew izjed". Jigifieri l-fejqan ta' l-offiza, biex jissussisti r-reat in ezami, irid ikun ipperdura almenu "tletin gurnata" jew "izjed minn tletin gurnata".* ***Dak li din il-Qorti trid tara ghalhekk huwa jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment fuq il-bazi tal-provi mressqa tikkonkludi li l-offiza li sofra Ashley Falzon Bakebread f'imniehru damitx ghall-inqas tletin gurnata biex tfieq****."*

Issa f'dan il-kaz, mill-provi ma jirrizultax li l-offiza rrizultat f'xi tip ta' sfregu tal-wicc. Lanqas jista' jinghad li l-ksur tal-ghadma tal-imnieher tigix kwalifikata bhala tali fil-gurisprudenza taghna. Fil-fatt, normalment, tali ksur jigi komunament kwalunifikat bhala gravi *per durata* – ossija ai termini tal-artikolu 216 (1) (d). Madankollu, sabiex *dan* ir-reat jissussisti, trid tingieb prova li l-vittma verament kellha bzonn tletin (30) jum jew aktar sabiex tfieq.

Din il-Qorti tosserva li hadd mix-xhieda, lanqas il-vittma nfisha, ma kkonfermat kemm, bejn wiehed u iehor, kellha bzonn zmien sabiex tfieq. Peress li, kif jinghad fis-sentenza **Pulizija vs Joseph Azzopardi**, il-kategorizzazzjoni tal-griehi huma kwistjoni ta' fatt, u kwindi, rimessi ghal din il-Qorti sabiex tiggudikahom, jehtieg li l-istess fatt ikun <u>pruvat</u>, u kwindi wkoll, <u>pruvat sal-grad tal-prova mehtieg f'dawn il-proceduri</u>.

Dan kollu jpoggi lil din il-Qorti fl-impossibilita' li tiddeciedi taht liema kappa tal-artikolu 216 ghandu jikkwalifika r-reat in kwistjoni.

Konsegwentement, din il-Qorti mghandhiex ghazla ohra hlief li filwaqt li ssib htija, madankollu ssib htija tar-reat minuri kompriz fl-offiza gravi – u cioe' – l-offiza hafifa.

Il-prosekuzzjoni talbet il-Qorti tqis ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 222A(2)(3)(7) tal-Kodici Kriminali. Illi dan l-artikolu huwa intiz sabiex jippenalizza cirkostanzi aggravanti li sservu bhala mottiv ghar-reat. Illi f'dan ir-rigward ghandu jkun hemm zieda minn grad sa zewg gradi meta r-reat ikun aggravat b'certu attentwati bhal generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini nazzjonali jew entika, eta', dizabilita', cittadinanza, religjon, twemmin jew opinkoni politika. Madankollu, f'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni minn imkien ma ressqet xi prova sufficjenti li biha tindika x'kien il-mottiv, iktar u iktar li l-mottiv kien jaqa' fil-parametri ta' l-artikolu 222A tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li dan l-aritkolu ma giex ippruvat.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva**

L-imputat tressaq talli fl-istess zmien kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet data 11 ta' Gunju 2020 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dott. Donatella Frendo Dimech LL.D li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest.

F'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni esebiet digriet tal-Qorti moghti mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D nhar il-11 ta' Gunju 2020.[47]

F'dan id-digriet ir-raba obbligazzjoni tghid:

[47] Dok DB7, Folio 24 ta' l-atti processwali

*"4. li ma tikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest."*

Il-Qorti ordnat ukoll li l-helsien mill-arrest kien qed jinghata bil-kundizzjoni li jaghmel tajjeb ghal dan il-beneficcju billi jiddepozita fir-registru ta' din il-Qorti s-somma ta' tlett mitt Euro (€300) oltre garanzija personali ta' elfejn Euro (€2,000).

Fuq l-istess digriet jirrizulta wkoll li l-imputat iffirmah.

Il-prosekuzzjoni esebit ukoll komunikazzjoni minn ufficjal tal-probation Glenn Grixti[48] li biha jikkonferma li kien qed issegwi l-imputat fuq kaz li jirridwardja serq ta' karozza u hruq izda ma kienx qed jikoopera mieghu u jattendi ghas-sezzjonijiet.

Fl-udjenza ta' l-10 ta' Dicembru 2020 xehed **Glenn Grixti[49]**, adett fid-Dipartiment tal-*Probation and Parole*, li spjega li huwa kien in kuntatt mal-imputat Frederick Mifsud sa minn qabel ma sehhet l-incidenza lertu ta' dawn il-proceduri. L-attendenza ghall-appuntamenti ma kienitx wahda regolari. Spjega li l-imputat ghandu *speech impairment* sewwa u allura jsibha difficli biex jikkomunika sewwa mieghu. Jidher ukoll li kien hemm problema ta' abbuz mill-alkohol fil-perjodu qabel ma ddahhal il-habs in konnessjoni ma dan l-incident. Minhabba l-pandemija tal-Covid-19, ix-xhud stqarr li kien qieghed jikkomunika mal-imputat permezz tat-telfon u mhux wicc imb'wicc.

F'dawn il-proceduri xehdet **Maria Dolores Fenech[50]**, assistant Registratur, Qrati Kriminali, li ezebiet zewg sentenzi li kienu inghataw fil-konfront tal-imputat u li ma gewx appellati izda whud minnhom ghad ghandhom multi pendenti fuqhom[51], kopja tal-komparixxi fliema kaz kien inghata l-helsien

---
48 Dok DB6, Folio 17 ta' l-atti processwali
49 Folio 132-136 ta' l-atti processwali
50 Folio 94-97 ta' l-atti processwali
51 Dok DF1(a), DF2-DF4, folio 99-105 ta' l-atti processwali

mill-arrest, kif ukoll digriet mahrug mill-Qorti tal-Magistrati Malta ghall-helsien mill-arrest fejn dawn il-proceduri ghadhom provi prosekuzzjoni.[52]

Il-Qorti qieset dak li jipprovdi l-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali fejn il-Qorti trid timpani jew piena ta' multa jew piena ta' prigunerija bl-inqas tkun dik ta' erba' xhur. Apparti dan l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jigi konfiskat fl-intier tieghu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont il-gravita tal-kaz. Il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-ammont ghandu jigu kollu konfiskat kif ukoll li tinghata piena karcerarja.

Mis-sentenzi esebiti jirrizulta li l-imputat kien instab hati ta' multi. Illi skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, meta l-piena tkun dik ta' multa din ma tista tigi kkunsidrata bhala recidiva

Ghaldaqstant in vista tal-fatt li din il-Qorti sejra tghaddi sabiex issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni tqis li t-tieni imputazzjoni giet sufficjentement ippruvata u sejra tghaddi sabiex issibu hati taghha wkoll, filwaqt li sejra tghaddi sabiex tilliberah mill-addebitu tar-recidiva.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-L-imputat wera dispjacir ghall-imgieba tieghu ma' l-ewwel hekk kif irrizulta fl-istqarrija:

*"Jien jiddispjacini hafna tal-agir tieghi u nixtieq niskuza ruhi."*

[52] Dok DF1, folio 98 ta' l-atti processwali

-Il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali ta' l-imputat.[53] Filwaqt li l-fedina penali ta' l-imputat mhix netta ma jirrizultax li hemm registrati sentenzi relatati ma din it-tip ta' imputazzjoni.

- Il-Qorti rat li dan il-kaz ma kienx semplicement argument jew xi nuqqas ta' ftehim li eskala, izda kien attakk ezagerat u kiefer fuq persuna innocenti li ma stednitx dan l-agir. Illi minhabba dan l-attakk il-vittma spicca b'imnehirha miksur oltre t-trawma li baqghet fuqha u ghad li jista jibqa fuqha ghal tul ta' zmien.

- Illi dan it-tip ta' agir u mgieba m'ghandux f'postu fis-socjeta' u l-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ghandha timponi piena karcerarja filwaqt li tornda r-riarrest ta l-imputat u tordna li s-somma ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) li servew bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern il-Malta.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe:

(a) Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(iii)(iv), 216(1)(b)(d), 216(2), 218(1)(a), 218(1)(b), 218(2), 222A(2)(3)(7) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikolu 579(1)(2)(3)u(4) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 412D u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[53] Folio 14 minn wara u quddiem ta' l-atti processwali

issib lil Fredick Mifsud **hati** ta' l-ewwel imputazzjoni, izda dan biss ghar-reat kompriz u inkluz ta' offiza hafifa stante li l-kategorizzazzjonijiet tal-artikolu 216 ma gewx ipprovati u hati tat-tieni imputazzjonijiet, filwaqt li ma ssibux hati ta' l-addebitu tar-recidiva u tikkundannah piena kumplessiva ta' tlettax (13) il-xhar prigunerija kif ukoll tordna l-arrest tieghu mill-gdid u tordna li s-somma ta' elfejn u tlett mitt Euro (€2,300) msemmija fl-obbligazzjoni fid-digriet tal-11 ta' Gunju 2020 moghti mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Fredrick Mifsud ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma komplessiva ta' elf, tlett mija u erba Euro u sitta u disghin centezmi (€ **1,304.96**) u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

1. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Joseph Spiteri fl-ammont ta' €340.[54]
2. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Katya Vassallo fl-ammont ta' €120.49[55]
3. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Steven Farrugia Sacco fl-ammont ta' €844.47[56]

B'zieda mal-piena hawn fuq inflitta, u wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, sabiex tipprovdi ghaz-zamma tal-ordni pubbliku u sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Anna Karsbjer torbot lill-hati ghall-perjodu ta' sena millum taht penali ta' €2,000.

[54] Folio 68 ta' l-atti processwali
[55] Folio 79 ta' l-atti processwali
[56] Folio 154 fuq wara ta' l-atti processwali

Inoltre, il-Qorti qegħda tagħti ordni ta' trazzin ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali a favur Anna Karsbjer u dan għall-perjodu ta' sentejn millum mid-data tar-remissjoni tal-piena u li għandha tagħti effett għal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li għandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi kkomunikata lir-Reġistratur tal-Qorti.

**Mogħtija illum nhar is-26ta' Settembru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Maġistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Reġistratur**